



Brussell, 9 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9507/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0071(COD)

CODEC 837
COVID-19 248
JAI 678
POLGEN 96
FRONT 221
FREMP 166
IPCR 80
VISA 124
MI 439
SAN 369

TRANS 374
COCON 46
COMIX 309
SCHENGEN 54
AVIATION 150
PHARM 117
RELEX 519
TOUR 45
PE 63

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati interoperabbli dwar il-vaċċinazzjoni, l-ittestjar u l-irkupru għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu legalment jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19 (Ċertifikat Aħdar Diġitali) - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 7-10 ta' Ġunju 2021)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u mad-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur, Juan Fernando LÓPEZ AGUILAR (S&D, ES), ippreżenta, fisem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, l-emenda 2 għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq u l-emenda 3 għar-risoluzzjoni leġislattiva, li fiha d-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni. Dawn l-emendi kien intlaħaq qbil dwarhom matul il-kuntatti informali msemmijin hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

II. VOT

Meta vvotat fit-8 ta' Ġunju 2021, il-plenarja adottat l-emenda 2 għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq u l-emenda 3 li fiha d-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2021, kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati ***b'tipa grassa u bil-korsiv***. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P9_TA(2020)0274

Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE - ċittadini ta' pajjiżi terzi *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati interoperabbli dwar il-vaċċinazzjoni, l-ittestjar u l-irkupru għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu legalment jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19 (Ċertifikat Aħdar Diġitali) (COM(2021)0140 – C9-0100/2021 – 2021/0071(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0140),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0100/2021),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-21 ta' Mejju 2021, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taht¹;
 2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
 3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

¹ Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fid-29 ta' April 2021 (Testi adottati, P9_TA(2021)0146).

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-9 ta' Ġunju 2021 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqa (*Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE*) fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19

(Test b'revelanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2021.

Billi:

- (1) Skont l-*acquis* ta' Schengen, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri jistgħu jiċċaqilqu liberament fit-territorji tal-Istati Membri l-oħrajn kollha matul perijodu ta' 90 jum tul kwalunkwe perijodu ta' 180 jum.
- (2) Fit-30 ta' Jannar 2020, id-Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) iddikjara emerġenza tas-saħħa pubblika ta' rilevanza internazzjonali minħabba t-tifqigħa globali tal-coronavirus tas-sindromu respiratorju akut gravi 2 (SARS-CoV-2), li jikkawża l-marda tal-coronavirus 2019 (COVID-19). Fil-11 ta' Marzu 2020, id-WHO għamlet valutazzjoni li tikkaratterizza l-COVID-19 bħala pandemija.
- (3) Biex jillimitaw it-tixrid tas-SARS-CoV-2, l-Istati Membri adottaw xi miżuri, li kellhom impatt fuq l-ivvjaġġar lejn it-territorju tal-Istati Membri u l-ivvjaġġar fih, bħal restrizzjonijiet fuq id-dħul jew rekwiżiti għal vjaġġaturi fruntaliera biex jagħmlu l-kwarantina jew l-awtoiżolament jew li jiġu ttestjati għall-infezzjoni tas-SARS-CoV-2. ***Tali restrizzjonijiet għandhom effetti negattivi fuq il-persuni u n-negozji, speċjalment persuni li jgħixu f'reġjuni tal-fruntiera u li jivvjaġġaw bejn il-fruntieri ta' kuljum jew frekwenti għal skopijiet ta' xogħol, negozju, edukazzjoni, familja, kura medika jew indukrar.***

- (4) Fit-13 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475² li introduċiet approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19.
- (5) Fit-30 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1632³ li fiha rrakkomanda lill-Istati Membri li huma marbutin bl-*acquis* ta' Schengen biex japplikaw il-prinċipji ġenerali, il-kriterji komuni, il-livelli limitu komuni u l-qafas komuni ta' miżuri, inklużi rakkomandazzjonijiet dwar il-koordinazzjoni u l-kommunikazzjoni kif stipulat fir-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475.
- (6) Hawn Stati Membri nedew jew qed jippjanaw li jniedu inizjattivi għall-ħruġ ta' ċertifikati tat-tilqim kontra l-COVID-19. Madankollu, biex tali ċertifikati ***tat-tilqim*** jintużaw b'mod effettiv b'konnessjoni mal-ivvjaġġar transfruntier fl-Unjoni, huma jeħtieġ li jkunu kompletament interoperabbli, ***kompatibbli***, siguri u verifikabbli. Fost l-Istati Membri hemm bżonn approċċ komuni dwar il-kontenut, il-format, il-prinċipji, l-istandards tekniċi ***u l-livell ta' sigurtà*** ta' tali ċertifikati tat-tilqim.

² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1475 tat-13 ta' Ottubru 2020 dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 337, 14.10.2020, p. 3).

³ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1632 tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 fiż-żona Schengen (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 25).

- (7) Qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, bosta Stati Membri diġà eżentaw persuni mlaqqmin minn ċerti restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar. Fejn l-Istati Membri jaċċettaw prova tat-tilqim biex jidderogaw mir-restrizzjonijiet għall-ivvjaġġar fis-seħħ, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, għal-limitazzjoni tat-tixrid tas-SARS-CoV-2, pereżempju rekwiżit ta' kwarantina jew awtoiżolament jew tal-ittestjar għall-infezzjoni bis-SARS-CoV-2, jenħtieġ li dawn ikollhom jaċċettaw, bl-istess kundizzjonijiet, ċertifikati tat-tilqim kontra l-COVID-19 maħruġin minn Stati Membri oħra f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴. Jenħtieġ li tali aċċettazzjoni ssir bl-istess kundizzjonijiet, jiġifieri, pereżempju, jekk Stat Membru jqis li doża waħda ta' vaċċin amministrat tkun biżżejjed, jenħtieġ li jittratta bl-istess mod lid-detenturi ta' ċertifikat tat-tilqim li jindika doża waħda tal-istess vaċċin.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqa (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L..., p....).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 25/2021 (2021/0068(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

- (8) Proċeduri armonizzati taħt ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ jenħtieġ li ma jipprevjenux lill-Istati Membri milli jiddeċiedu li jaċċettaw ċertifikati tat-tilqim maħruġin għal vaċċini oħra kontra l-COVID-19 li jkunu ngħataw awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, vaċċini li d-distribuzzjoni tagħhom tkun ġiet awtorizzata temporanjament skont l-Artikolu 5(2) ta' dik id-Direttiva, u vaċċini li jkunu kkompletaw il-proċedura ta' elenkar għall-użu ta' emerġenza tad-WHO. ***Meta tali vaċċin kontra l-COVID-19 sussegwentement jingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004, l-obbligu li jiġu aċċettati ċertifikati tat-tilqim maħruġin taħt l-istess kundizzjonijiet ikun ikopri wkoll ċertifikati tat-tilqim maħruġin minn Stati Membru għal dak il-vaċċin kontra l-COVID-19, irrispettivament minn jekk iċ-ċertifikati tat-tilqim ikunux inħarġu qabel jew wara l-awtorizzazzjoni permezz tal-proċedura ċentralizzata.*** Ir-Regolament (UE) 2021/...⁺ jistabbilixxi qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19. Dan japplika għal ċittadini tal-Unjoni u ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni.

⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

⁶ Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 25/2021 (2021/0068(COD)).

- (9) F'konformità mal-Artikoli 19, 20 u 21 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom⁷, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet jistgħu jiċċaqilqu liberament fit-territorji tal-Istati Membri.
- (10) ***Mingħajr preġudizzju għar-regoli komuni dwar il-qsim tal-fruntieri interni minn persuni kif stipulat fir-Regolament (UE) 2016/399*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, ***u għall-fini li jiġi ffaċilitat*** l-ivvjaġġar fit-territorji tal-Istati Membri minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma intitolati għall-ivvjaġġar ta' dan it-tip, jenħtieġ li l-qafas għall-ħruġ, il-verifika u l-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqaqan stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/...⁺ japplika wkoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti minn dak ir-Regolament, sakemm ikunu qed joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorju ta' Stat Membru u jkunu intitolati jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħrajn f'konformità mal-liġi tal-Unjoni.

⁷ ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 25/2021 (2021/0068(COD)).

- (11) Dan ir-Regolament *huwa maħsub biex jiffaċilita l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' proporzjonalità u nondiskriminazzjoni fir-rigward tar-restrizzjonijiet għall-ivvjaġġar matul il-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li jimmira lejn livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika*. Huwa jenħtieġ li ma jinftehimx bħala li jiffaċilita jew jinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' restrizzjonijiet għall-moviment liberu, jew restrizzjonijiet għal drittijiet fundamentali oħra, b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19. Barra minn hekk, kwalunkwe rekwiżit ta' verifika taċ-ċertifikati stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/...⁺ ma jiġġustifikax għaldaqstant ir-riintroduzzjoni temporanja tal-kontroll fil-fruntieri interni. Jenħtieġ li l-kontrolli fil-fruntieri interni jibqgħu miżura tal-aħħar istanza, soġġetti għal regoli speċifiċi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/399.
- (12) *Peress li dan ir-Regolament japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri, jenħtieġ li dan ma jinftehimx bħala li jagħti lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jivvjaġġaw lejn Stat Membru d-dritt għal Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE minn dak l-Istat Membru qabel jaslu fit-territorju tiegħu. Ma hemm ebda rekwiżit għall-Istati Membri li joħorġu ċertifikati tat-tilqim f'uffiċċji konsulari.*
- (13) *Fit-30 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/912⁹ dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-Unjoni u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni. Dan ir-Regolament ma jkoprix ir-restrizzjonijiet temporanji fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-Unjoni.*

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 25/2021 (2021/0068(COD)).

⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 tat-30 ta' Ġunju 2020 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni (ĠU L 208 I, 1.7.2020, p. 1).

- (14) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Ladarba dan ir-Regolament jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament jekk hijiex ser timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.
- (15) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċizzjoni tal-Kunsill 2002/192/KE¹⁰; għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. ***Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jaċċettaw, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/...⁺, ċertifikati COVID-19 maħruġin mill-Irlanda lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorju tagħha għall-finijiet tal-iffaċilitar tal-ivvjaġġar fit-territorji tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Irlanda toħroġ lil daww iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ċertifikati COVID-19 li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. Jenħtieġ li l-Irlanda u l-Istati Membri l-oħra jaċċettaw ċertifikati maħruġin lil ċittadini ta' pajjiżi terzi koperti minn dan ir-Regolament fuq bażi reċiproka.***

¹⁰ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 25/2021 (2021/0068(COD)).

- (16) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen jew li b'xi mod ieħor huwa relatat miegħu fis-sens tal-Artikolu 3(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003, tal-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005 u tal-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2011 rispettivament.
- (17) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen¹¹, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt C, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE¹².

¹¹ ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

¹² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

- (18) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen¹³ li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt C, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE¹⁴.
- (19) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen¹⁵, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt C, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE¹⁶.

¹³ ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

¹⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni fisem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

¹⁵ ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

¹⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

- (20) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-faċilitazzjoni tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19 bl-istabbiliment ta' qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim ta' persuna kontra l-COVID-19, ir-riżultati tat-testijiet tagħha jew il-fejqa tagħha, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.
- (21) ***Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni relatata mal-pandemija tal-COVID-19, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.***
- (22) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġew ikkonsultati f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷ u taw opinjoni konġunta fil-31 ta' Marzu 2021¹⁸,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

¹⁸ ĠU C ..., ..., p. ...

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/...⁺ għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, iżda li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorju tagħhom u li huma intitolati li jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħrajn f'konformità mal-liġi tal-Unjoni.

Artikolu 2

Dment li l-Irlanda tkun innotifikat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni li taċċetta ċ-ċertifikati COVID-19 imsemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2021/...⁺ maħruġin mill-Istati Membri lil persuni koperti minn dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw, skont il-kundizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2021/...⁺, ċertifikati COVID-19 maħruġin mill-Irlanda fil-format li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-qafas ta' 'fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/...⁺ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma intitolati li jivvjaġġaw liberament fit-territorju tal-Istati Membri.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 25/2021 (2021/0068(COD)).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidhhol fis-seħħ fil-**■** jum **■** tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2021 sat-30 ta' Ġunju 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussel,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni taqbel li vaċċini u testijiet affordabbli u aċċessibbli għall-COVID-19 għall-infezzjoni tas-SARS-CoV-2 huma kruċjali fil-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19. B'kont meħud li mhux il-popolazzjoni kollha se tkun tlaqqmet meta r-Regolamenti [...] u [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jidħlu fis-seħħ, l-aċċess għal possibbiltajiet ta' ttestjar affordabbli u disponibbli b'mod wiesa' huwa importanti biex jiġu ffaċilitati l-moviment liberu u l-mobbiltà fl-Ewropa.

Biex tappoġġa l-kapaċitajiet tal-ittestjar tal-Istati Membri, il-Kummissjoni diġà mmobilizzat fondi permezz tal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza biex tixtri testijiet rapidi tal-antiġeni u nediet akkwist bi sħab għal aktar minn nofs biljun test rapidu tal-antiġeni. Il-Federazzjoni Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar qed tappoġġa lill-Istati Membri biex iżidu l-kapaċità tal-ittestjar, b'finanzjament mill-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza.

Biex tkompli tappoġġa d-disponibbiltà ta' testijiet affordabbli, b'mod partikolari għall-persuni li jaqsmu l-fruntieri ta' kuljum jew ta' spiss biex imorru għax-xogħol jew l-iskola, iżuru qraba stretti, ifittxu kura medika, jew jieħdu ħsieb lill-maħbubin tagħhom, il-Kummissjoni timpenja ruħha li timmobilizza fondi addizzjonali ta' EUR 100 miljun permezz tal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza għax-xiri ta' testijiet għall-infezzjoni tas-SARS-CoV-2 li jikkwalifikaw għall-ħruġ ta' ċertifikat tat-test skont ir-Regolament [...]++. Jekk ikun meħtieġ, jista' jiġi mobilizzat finanzjament addizzjonali ta' aktar minn EUR 100 miljun, soġġett għall-approvazzjoni mill-awtorità baġitarja.

⁺ ĠU jekk jogħġbok daħħal in-numri tar-regolamenti li huma s-suġġett ta' COD 2021/68 u COD 2021/71.

⁺⁺ ĠU jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-regolament li huwa s-suġġett ta' COD 2021/68.